Minuti tas-Sebgha Seduta tal-Kunsill Lokali Mosta li saret il-Gimgha 17 ta' Awissu, 2007 fit-8.30pm fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti kienu: Dr. P. Chetcuti Caruana MD - Sindku
Ms. J. Agius Decelis - Vici Sindku
Sur Paul Agius - Kunsillier
Sur J. Camilleri - Kunsillier
Sur J. Demartino - Kunsillier
Ms. K. Fenech - Kunsillier
Sur C. Grech - Kunsillier
Ms. M. Mifsud - Kunsillier
Sur M. Sammut - Kunsillier

Il-Kunsillieri Ms. N. Fenech Adami u Ms. Shirley Farrugia infurmaw li peress li s-Seduta saret b'urgenza, huma ma kienux jistghu jattendu.

1. **Minuti**

Is-Sindku, Dr. Chetcuti Caruana nforma lill-membri tal-Kunsill li l-ex Segretarju ma kienx hejja l-Minuti tas-Seduta Nru. 5 u kull ma kellu kienu biss in-notamenti li huwa kien ha u li ngabru kif kienu imma li ma kienux jaghmlu sens jekk jinqraw kif inhuma. Ghalhekk hu ma kienx f'pozizzjoni li jiccirkola kopja tal-andament tal-laqgha msemmija.

Fir-rigward tas-Seduta Nru. 6, il-Minuti kienu gew iccirkolati lil membri qabel is-Seduta ghaliex kienu thejjew.

Is-Segretaru Provizorju qara ghalhekk il-Minuti Nru. 6. Meta s-Sindku staqsa jekk kienx hemm rimarki ghal korrettezza taghhom, il-Kunsillier Demartino ghamel referenza ghal dak li hemm miktub fit-tieni Pagna, ir-Raba' paragrafu, fejn l-ex Segretarju ma kkwotahx korrett. Hu qal li meta hu kien staqsih dwar il-flus tal-Kunsill, kien gie accertat li "kollox kien f'postu, serrah rasek'. Hu talab li l-Minuta tkun tirrifletti dan is-sens.

Ma kienx hemm oggezzjoni li ssir tali korrezzjoni ghal Minuti. Ghalhekk is-Sindku sekondat mill-Kunsillier Agius ippropona li l-Minuti jkunu adottati.

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Is-Sindku f'dan l-istadju talab u nghata sospensjoni tar-regolamenti ghal aggornament qasir peress li kien hemm prezenti fis-Sala persuni li xtaqu jaghmlu donazzjoni ghal Fond Monumenti Mosti li huwa taht l-awspici tal-Kunsill. Hu ntroduca lis-Sur Charles Vassallo, Mosti li jghix California li ghamel donazzjoni ta' Lm1000, lis-Sur Emy Zarb u lis-Sur Joe Chetcuti li taw Lm100 kull wiehed. Dr. Chetcuti Caruana ghamel keltejn ta radd il-hajr lit-tliet persuni ghal ghotja taghhom u huma minn naha taghhom appellaw lis-Socjeta Mostija taghmel ukoll il-kontribut taghha f'risq l-ghan tal-Kunsill.*

## 2 Taghrif mill-Minuti

Is-Sur Joe Demartino qal li hu xtaq jaghmel osservazzjoni dwar dak li gie nfurmat li sehh fis-Seduta Nru. 5 li Minuti taghha ma kienux saru imma li huwa gie nfurmat bih. Il-Kunsillier Demartino qal li sar jaf li tnehhewlu d-doveri li kellu ghaliex hu ma kien wettaq ebda hidma. Dan sar waqt seduta li ghaliha hu ma kienx prezenti.

Is-Sindku, waqt li kkonferma dak li sehh, qal li s-Sur Demartino ma kien wettaq xejn fil-qasam li kien gie nkarigat minnhu, tant li l-festa tal-Bidnija ma saritx.

Il-Kunsillier Demartino qal li meta hu kien gie nfurmat dwar l-organizzazzjoni tal-festa kien biss ftit jiem qabel kellha attwalment issir u hu kien infurmat mill-ex Segretarju dwar laqgha li kellha ssir dwar l-attivita. Deherlu li kien tard wisq.

Il-Vici Sindku Agius Decelis qalet li wara li cempillu l-ex Segretarju, ma kellux raguni ghaliex ma jaghtix l-ghajnuna tieghu. Is-Sindku rrimarka li hu ried ifixkel biex jidher ikrah il-Kunsill u ghalhekk nehhielu l-inkarigi li kellu. Hu qal li ma kienx se jilqa t-talba tas-Sur Demartino biex jinghata lura l-inkarigu li kellu. ✓

## 3 Korrispondenza

3.1 Is-Sindku nforma li kienet waslet ittra dwar l-ghoti tal-Premju Anzjan tas-Sena u l-Kunsill setgha jinnomina persuna fl-okkazjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani.

Il-Kunsillier Mario Sammut qal li hu kien bi hsieb li jressaq in-nomina ta' Ms. Emily Bonnici li hadmet fil-qasam tal-voluntarjat ghal diversi snin inkluz ma persuni anzjani u b'dizabilita; u lil Mr. C. Camilleri li jghin fil-qasam tal-voluntarjat.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Camilleri ssuggerixxa li s-Sur Sammut jinnomina wahda jew wiehed mit-tnejn u jkun hemm qbil dwar il-persuna.

Il-Kunsillier Sammut ippropona lill-Ms. Bonnici u kien hemm qbil unanimu dwarha.

3.2 L-impjegata tal-Kunsill Ms. Loraine Zammit Tabone talbet tistax tahdem hin ridott. It-talba giet akkordata.

3.3 Il-Kunsill kellu talba mill-belt ta' Mackay fl-Awstralja biex maghhom isir gemellagg. Is-Sindku qal li peress li din il-materja timmerita diskussjoni kien qed jissuggerixxi li dan is-suggett ikun migjub fuq l-Agenda f'Seduta futura. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment.

3.4 Is-Sindku qal li f'Mejju li ghadda kienet skadiet l-iskema tas-Sahha li biha jkunu koperti l-haddiema mpjegati u l-membri tal-Kunsill. Din ma gietx mgedda u l-formolarju ma kienx intbaghat. Hu ppropona li l-Iskema mhaddma mill-AKL tigi mgedda. Fl-istess hin ghal talba tas-Sinjura Agius Decelis, se tkun avvicinata l-Assocjazzjoni biex kull membru tal-Kunsill ikun nfurmat dwar il-*policy* fhiex tikkonsisti.

3.5 Is-Sindku Chetcuti Caruana qal li l-ex Segretarju ma ried bl-ebda mod jaghti taghrif dwar l-*exchanges* li l-Kunsill kien msieheb fihom. Fis-26 ta' Lulju waslet ittra mill-MEPA dwar zvilupp li kien mehtieg li jsir fir-rigward tal-katakombi tal-Bistra u minkejja li l-estensjoni taz-zmien sar l-24 ta' Jannar 2008, xejn ma kien thejja, il-MEPA baqghet tkaxkar saqajha biex taghti l-permessi mehtiega bil-konsegwenza li kien hemm il-probabilta li kollox jintilef ghaliex il-miri mhux se jkunu milhuqa saz-zmien stipulat. B'hekk jintilfu madwar 100,000 Ewro.

*F'dan l-istadju (9.30pm) il-Kunsillier, il-Perit C. Grech halla l-Kamra.*

Il-Kunsilier Demartino qal li minhabba d-dewmien biex jinhargu l-permessi mehtiega biex isiru x-xogholijiet f'tal-Bistra, jaqbel li jista jintilef il-Progett li kien se jsir.

Il-Kunsill unanimament qabel ma suggeriment tas-Sindku, t-tabib Chetcuti Caruana li tinhareg stqarrija pubblika dwar dan l-atteggjament tal-MEPA.

3.6 Is-Sindku nforma wkoll li Memo 18/2007 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienet ghamlet sejha biex ikunu prezentati progetti permezz ta' applikazzjonijiet lill-European Regional Development Fund u l-European Social Fund. Zmien ma kienx hemm ghaliex l-applikazzjoni trid issir sal-ewwel gimgha ta' Settembru 2007 u minhabba li kienet giet ghal konjizzjoni tal-Kunsill tard kien cans iehor mitluf li dwaru ma setgha jsir xejn.

## 4 Hatra tal-Agent Segretarju

Apparti li fil-bidu tas-Seduta, is-Sindku ntroduca lis-Sur J.C. Azzopardi bhala l-Agent Segretarju, huwa nforma lill-Kunsill li wara li s-Sur Alphonse Anastasi kien baghat ir-rizenja tieghu minn Segretarju Ezekuttiv, hu kien ghamel il-kuntatti mad-Direttur tad-Dipartiment biex jintbaghat xi hadd li jkun jista jkompli r-rutina amministrattiva u finanzjarja fil-Kunsill.

Id-Direttur tad-Dipartiment kien informa lill-Kunsill li l-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kien approva l-hatra temporanja tas-Sur Azzopardi mal-Kunsill tal-Mosta. Il-Kunsill ghalhekk kien qed ikun infurmat bin-nomina u li l-istess Azzopardi jkun ko-firmatarju mas-Sindku ghal transazzjonijiet bankarji.

## 5 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku Chetcuti Caruana qal li nvista tas-sitwazzjoni kif zviluppat huwa nforma, u ma kienx hemm rimarki, li kien se jinbeda l-process mal-ETC biex jinhatar Segretarju Ezekuttiv effettiv.

Il-Kusill qabel li jkunu adottati l-proceduri stabbiliti ghal hatra eventwali.

## 6 Hwejjeg Ohra

6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien qabbad awditur biex jaghmillu awditjar b'termini ta' referenza specifici biex il-Kunsill jerggha jkun f'qaghada li jiffunzjona sew.

6.2 Is-Sindku Chetcuti Caruana qal li hu xtaq li jkun mwassal messagg ta' ringrazzjament lill-Fort Blocks talli bla ebda hlas garrew kanun li gie mqieghed fil-Pjazza mal-genb tal-Knisja.

6.3 il-Kunsilier Kirby Fenech qalet li hemm bzonn li jkun mgedded il-kuntratt li hemm mal-Klabb tal-football minhabba li skada, u d-dirigenti xtaqu li ssir laqgha mal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-proposta tal-Kunsillier Fenech ghat-tigdid, jekk hemm bzonn b'irtokki fejn hu mehtieg, Issekonda l-Kunsillier Sammut.

6.4 Il-Kunsillier Fenech qalet li l-Youth Empowerment Centre, li hija entita Governattiva nfurmata li peress li mpjegata kienet se tispicca xtaqu li jkollhom laqgha mal-Kunsill dwar min se jiehu post l-persuna li se tispicca. Diversi membri tal-Kunsill esprimew ruhhom li din hi entita li l-Kunsill ma kellux jedd fuqha, imma ma jsib ebda diffikulta li jiltaqa ma' min qed imexxi c-Centru.

6.5 Il-Kunsillier Fenech tkellmet ukoll dwar Maratona li hi mahsuba li ssir fit-28 ta' Awissu. Il-Kunsill approva talba biex il-partecipanti jinghataw biljett li jintitolhom ghal *snack* li jiswa madwar sebghin centezmu. Talbet ukoll li l-latrini pubblici jinzammu miftuha dak inhar tal-attivita u li l-parkegg ikun hieles mill-vetturi fil-genb tal-Knisja.

6.6 Is-Sinj. Fenech qalet li kellha lment li fil-kantuniera ta' Triq it-Torri ma' Triq S. Fiteni hemm residenza li minnha qed johorgu bosta grieden u xtaqet li s-sidien jkunu mgharufin b'din is-sitwazzjoni halli jirremedjaw biex l-girien ma jkunux skomodati aktar.

6.7 Il-Kunsiller Fenech qalet li l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Mostafest se jsir fil-Qasam tad-Djar fl-14 ta' Settembru u minbarra li se jkunu armati gabbani u jingiebu kantanti xtaqet li jkollha ghajnuniet ohra. Hi se taghti stima tal-ispiza li tkun tinvolvi l-attivita u tirrapporta dwarha fis-seduta sussegwenti.

6.8 Il-Vici Sindku Agius Decelis qalet li fis-16 ta' Settembru jkun celebrat Jum il-Mosta u jinghata Gieh il-Mosta fost attivitajiet ohra li jkunu organizzati. Hi offriet li taghti l-ghajnuna taghha lis-Sindku biex ikunu organizzati l-attivitajiet u jithejja programm, riceviment, u wkoll jigi proponuti u rikonoxxuti persuni li jisthoqqilhom l-ghoti tal-Gieh. Il-Kunsillier Demartino qal li jista jsir kuncert jew serata letterarja u kien mportanti li jigu ordnati l-medalji bl-arma l-gdida tal-Kunsill.

Fil-fatt s-Sinj. Agius Decelis nkarigat ruhu mill-ordni tal-medalji u trofej ohra mehtiega ghal din l-attivita u wkoll kien hemm qbil li ssir laqgha ad hoc tal-Kunsill biex dan is-suggett ikun ewlieni fost materji urgenti li ghandhom ikunu diskussi. Kien hemm qbil li laqgha ohra ssir fis-27 ta' Awissu li gej.

6.9 Il-Kunsillier P. Agius qal li ghal Ottubru se jithawwlu l-50 sigra li l-Bank of Valletta ta lill-Kunsill. Dawn huma sigar tar-rand u zebbug. Fl-istess hin talab biex il-globi miksura li hemm fil-Playing Field jigu rrangati. Fuq dan il-punt tkelmet ukoll il-Vici Sindku li qalet li kien hemm atti vandali kbar mwettqa fil-Gnien tal-Blata l-Gholja u kien hemm qbil ma' suggeriment li ghamlet biex jinghalqu l-bibien li hemm fit-tard halli l-atti vandali jonqsu.

## 7 Aggornament

Is-Sindku, fl-10.30pm aggorna s-Seduta ghal nhar it-Tnejn 27 ta' Awissu 2007 fit-8.30pm peress li l-Agenda giet ezawrita.

Dr. P. Chetcuti Caruana
Sindku

J.C. Azzopardi
A/Segretarju Ezekuttiv